# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru, 2022

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 890/2021 ISB**

**Dr Adrian Attard (K.I. Nru 570785M) kif debitament awtorizzat bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta estera Sud Shipping S.R.L. reġistrata ġewwa l-Italia, bin-numru uffiċjali 01571720885**

**Vs**

**Is-soċjeta estera Maritime Ways S.A. reġistrat ġewwa il-*Marshall Islands*, kif rappreżentanta lokalment mir-*resident agent* tagħha Av. Kevin Dingli (K.I. Nru 664359M) ta' 18/2, South Steet, Valletta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' Dr Adrian Attard nomine, intavolat fis-7 ta' Settembru 2021, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:

1) *Tordna ma jsir ebda bejgħ u/jew trasferiment, u/jew negozju tal-bastiment M/V Atlas Wind jew ta' xi sehem fih.*

2) *Tordna illi ma jsir ebda reġistrazzjoni ta' ipoteka jew mortgage fuq il-bastiment M/V Atlas Wind.*

3) *Tordna li ma għandu joħroġ ebda deletion certificate mir-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili fir-rigward l-bastiment M/V Atlas Wind.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi s-soċjetà konvenuta Maritime Ways S.A. hija l-proprjetarja tal-bastiment MV Atlas Wind, liema bastiment itajjar il-bandiera Maltija u huwa reġistrat bl-IMO Numru 9126704.*

2. *Illi l-istess soċjetà konvenuta estera hija rappreżentata lokalment mir-resident agent tagħha Av. Kevin Dingli, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 664359(M) ta' 18/2, South Street, Valletta, u dan skond kif tirrikjedi l-Liġi ai termini tal-Artikoli 5 sa 7 tar-Regolamenti dwar Bastiment li Jikkwalifikaw għal Reġistrazzjoni (S.L. 234.23).*

3. *Illi permezz ta' voyage charterparty datat 20 t'Awwissu 2021, is-soċjetà rikorrenti kienet nollegjat l-bastiment MV Atlas Wind, mingħand is-soċjetà konvenuta Maritime Ways S.A. għall-vjaġġ minn Spanja għall-Italja. Kopja taċ-charterparty u l-fixture recap hawn annessi u mmarkati kollettivament bħala DOK AA1.*

4. *Illi skond l-istess ftehim il-bastiment M/V Atlas Wind kellu jgħabbi l-merkanzija, u speċifikament 3500 M.T. ta' bulk cargo u 500 M.T. ta' palletised cargo, minn ġewwa l-port ta' Castellon fi Spanja sabiex jittrasportha għall-Italja.*

5. *Illi meta l-bastiment wasal fil-Port ta' Castellon ġewwa l-Ispanja nqalet kwistjoni bejn il-partijiet dwar it-tagħbija tal-merkanzija tas-soċjetà rikorrenti u minkejja l-obbligi kuntrattwali tas-sidien tal-bastiment taħt iċ-charterparty, l-istess bastiment qabad u telaq mill-port mingħajr ma għabba l-500M.T. ta' palletised cargo.*

6. *Illi b'konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà konvenuta, s-soċjetà rikorrenti soffriet danni serji u dan il-għaliex minħabba l-obbligi kummerċjali tagħha ma' terzi din kellha tagħmel arranġament ulterjuri biex il-merkanzija in kwistjoni tasal fid-destinazzjoni finali tagħha.*

7. *Illi preżentament id-danni sofferti ġew ikkalkolati li jammontaw għal disgħin elf Ewro (€90,000), iżda s-soċjetà rikorrenti qegħda tirreserva id-drittijiet kollha spettanti lilha skond il-Liġi jekk is-somma totali tad-danni taqbeż dan l-ammont.*

8. *Illi minkejja li s-soċjetà rikorrenti kienet infurmat lis-soċjetà konvenuta li din tal-ewwel kienet ser tiġi esposta għad-danni serji s-sidien jonqsu mill-obbligi tagħhom u l-bastiment jitlaq mingħajr il-merkanzija abbord, is-sidien xorta baqgħu inadempjenti u rrispondew li jekk trid is-soċjetà rikorrenti tista' tiftaħ proċeduri ta' arbitraġġ fuq il-merti ġewwa Londra.*

9. *Illi s-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata li hemm riskju li s-sidien preżenti tal-bastiment dalwaqt ser jbiegħu l-bastiment.*

10. *Illi jekk din l-istess soċjetà intimata tbiegħ jew titrasferixxi l-bastiment li jidher li huwa l-uniku assi tas-soċjetà intimata jew xi sehem fih, teżisti l-*

*probabilita' kbira f'dik l-eventwalita' is-soċjetà rikorrenti ma tkunx tista' tenforza l-eventwali lodo arbitrali favuriha għall-ħlas ta' danni u għalhekk id-drittijiet tas-soċjetà rikorrenti m'humiex ikkawtelati jew/u assigurati.*

11. *Illi in vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ hemm l-akbar probabilita' illi s-soċjetà intimata tipprova titrasferixxi l-bastiment lil terzi persuni qabel mas-soċjetà rikorrenti ma jkollha l-opportunita' li tissalvagwardja d-drittijiet tagħha billi tipproċedi kontra s-soċjetà intimata għall-ħlas tad-danni sofferti minħabba l-aġir tagħha.*

12. *Illi r-rikorrenti nominee għalhekk għandha interess li tikkawtela il-prentenzjonijiet tagħha.*

13. *Illi ai termini ta' l-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap 234 tal-Liġijiet ta' Malta) din l-Onorabbli Qorti tista' tordna li ma jsir ebda bejgħ u/jew trasferiment u/jew negozju tal-bastiment M/V Atlas Wind, u/jew li ma jsir ebda reġistrazzjoni ta' ipoteka navali jew mortgage fuq il-bastiment M/V Atlas Wind u/jew li ma jinħareġ ebda deletion certificate mir-reġistratur tal-bastimenti merkantili u dan sakemm tiġi deċiża il-vertenza bejn il-partijiet fuq il-merti.*

14. *Illi l-Artikolu 37(10) jispeċifika illi l-vertenza trid tkun relatata ma' "dritt f'bastiment jew dwaru jew parti minnu" u di piu Art. 37 (10)(a)(v) jipprovdi li dritt f'bastiment jinkludi "...kull pretensjoni oħra li tnissel pretensjoni in rem kontra bastiment taħt il-liġi Maltija"*

15. *Illi l-Artikolu 742B(i) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi speċifikament li l-Qrati ta' Malta għadhom ġurisdizzjoni in rem fir-rigward ta' "kull pretensjoni li tinħoloq minn xi ftehim li jirrigwarda l-garr ta' merkanzija abbord jew l-użu jew il-kiri ta' vapur, kemm permezz ta charter party jew xort'oħra;."*

16. *Illi għaldaqstant jeżistu r-rekwisti kollha stipulati minn artikolu 37 tal-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħti l-ordnijiet minnha mitluba ai termini tal-istess artikolu.*

17. *Illi dawn il-fatti s-soċjetà rikorrenti tafhom personalment;*

Rat id-**dokument** ppreżentat mar-rikors ġuramentat (fol 7 sa fol 19)

Rat id-**digriet** tagħha tal-10 ta' Settembru 2021 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' Settembru 2021 fin-12:30p.m.

Rat in-nota tal-attur nomine intavolata fit-28 ta' Settembru 2021 (fol 24) li permezz tagħha ppreżenta dokument (Dok AA2, fol 25 sa fol 27)

Rat **ir-risposta ġuramentata** ta' **Maritime Ways S.A.** ppreżentata fis-26 ta' Ottubru 2021 (fol 29), li permezz tagħha eċċeppiet:

1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju u subordinatament għall-ewwel eċċezzjoni, is-somma li r-rikorrenti qed tittenta li tikkawtela, u cioe Eur90,000, hija esaġerata u ikun inġust jekk jinħareġ ordni taħt l-artikolu 37 tal-Kap. 234 għal tali somma.*

*3. Illi fi kwalunkwe każ l-esponenti titlob illi jekk dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' l-ordni taħt l-artiklu 37 tal-Kap. 234, ikun opportun illi dina l-Onorabbli Qorti timponi kundizzjoni ossia obbligazzjoni fuq is-soċjetà rikorrenti sabiex din tipprovdi fi żmien qasir perentorju li dina l-istess Onorabbli Qorti tiffissa, garanzija adegwata għal danni, imgħaxijiet u spejjeż li l-esponenti tista' ssofri bil-ħruġ tal-ordni (u tal-ordni provizorju) a tenur tal-istess artiklu 37 tal-Kap. 234.*

*4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Il-Fatti*

*1. Illi l-esponenti qed tikkontesta li hija responsabbli għad-danni li r-rikorrenti qed titlob li jiġu kawtelati stante illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża kwalunkwe danni allegati mis-soċjetà rikorrenti kienu kaġun tal-aġir tagħha stess.*

*2. Illi subordinatament is-somma li r-rikorrenti qed tittenta li tikkawtela, u ċioe' Eur90,000, hija esaġerata u ikun inġust jekk jinħareġ ordni taħt l-artikolu 37 tal-Kap. 234 għal tali somma.*

*3. Illi s-soċjetà esponenti qed issofri danni minħabba l-ħruġ tal-ordni provizorju kif ukoll jekk jinħareġ ordni permanenti taħt l-artikolu 37 tal-Kap. 234.*

*4. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir minn informazzjoni mogħtija mis-soċjetà intimata.*

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2022, l-attur noe. ppreżenta nota (fol 36) f'affidavit ta' Giovanni Giuseppe Giudici (Dok AA3, fol 37 sa fol 56) flimkien ma' xi dokumenti li jiffurmaw parti mill-proċess arbitrali bejn il-partijiet li qed jinstemgħa ġewwa Londra (Dok AA4 sa Dok AA8, fol 57 sa fol 151). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess attur noe li m'għandux aktar provi xi jressaq.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2022, is-soċjeta konvenuta ppreżentat nota (fol 152) b'affidavit ta' Ioannis Xintarakos b'xi dokumenti annessi miegħu (Dok IX, fol 153 sa fol 243).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2022, id-difensur tas-soċjeta konvenuta ddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq għall-patroċinata tiegħu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021 id-difensuri tal-partijiet qabblu li l-kawża għandha titħalla għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mill-attur noe ai termini tal-Artikoli **37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi r-rikorrenti noe jikkontendi li s-soċjeta konvenuta hija propjetarja tal-bastiment *MV Atlas Wind* liema bastiment itajjar il-bandiera Maltija u huwa reġistrat bl-IMO Numru 9126704, u liema soċjeta hija rappreżentatha lokalment mir-*resident agent* tagħha Av. Kevin Dingli.

Illi permezz ta' *voyage charterparty* datat 20 ta' Awwissu 2021, is-soċjeta attriċi kienet nolleġjat l-imsemmi bastiment mingħand is-soċjeta kovenuta għall-vjaġġ minn Spanja għall-Italja bl-għan li jgħabbi l-merkanzija konsistenti minn 3500 M.T. ta' *bulk cargo* u 500 M.T. ta' *palletised cargo* mill-post ta' Castellon fi Spanja sabiex jittrasportaha għall-Italja,

Illi meta l-bastiment wasal fil-Port ta' Castellon fi Spanja nqalet kwistjoni bejn il-partijiet bir-riżultat li l-500M.T. ta' *palletised cargo* ma ġewx mgħobbija fuq il-bastiment.

Illi dan irriżulta f'danni għas-soċjeta rikorrenti li kellha obbligi ma terzi fir-rigward tal-istess merkanzija, liema danni huma kkalkolati fl-ammont ta' disgħin elf Ewro (€90,000).

Illi s-soċjeta\` attriċi kienet infurmat lis-soċjeta\` konvenuta li jekk kemm -il darba ma tonorax l-obbligi tagħha ser tkun esposta għal danni iżda din baqgħet inadempjenti u rrispondiet li s-soċjeta attriċi setgħet tiftaħ proċeduri ta' arbitraġġ dwar il-mertu ġewwa Londra.

Illi s-soċjeta attriċi hi nfurmata li hemm riskju li s-sidien preżenti tal-bastiment dalwaqt ser ibiegħu l-bastiment, liema bastiment jidher li hu l-ass ewlieni tas-soċjeta intimata u għalhekk jekk kemm -il darba jinbiegħ, is-soċjeta attriċi ma tkunx tista\` tenforza l-eventwali lodo arbitrali favuriha għall-ħlas ta' danni.

Illi għalhekk is-soċjeta attriċi għandha kull interess li tikkawtela l-pretenzjonijiet tagħha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi s-**<u>soċjeta konvenuta</u>** min-naħa tagħha tgħid li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-istess soċjeta tikkontendi li mhi bl-ebda mod responsabbli għal danni.

Tgħid li s-somma ta' disgħin elf Ewro (€90,000) li l-attur noe qed jittenta li jikkawtela hija esaġerata u jkun inġust jekk tinħareġ ordni taħt l-artikolu 37 tal-Kap 234 għal tali somma.

Tgħid li jekk kemm -il darba din il-Qorti tilqa t-talba attriċi mela allura għandha tipprovdi żmien qasir u perentorju tiffissa garanzija adegwata għal danni, imgħaxxijiet u spejjeż li l-istess soċjeta konvenuta tista ssofri b'tali ordni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu, **Giovanni Giuseppe Giudice** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv u r-rappreżentant legali ta' Messrs. Sud Shipping Srl, kumpanija b'responsabbilita limitata reġistrata fix-Xlokk ta' Sqallija bin-numru tar-reġistrazzjoni 01571720885, u ilu jokkupa l-imsemmiha kariga mit-28 ta' Ottubru tal-2019.

Jgħid li Sud Shipping Srl ġiet inkorporata fid-9 ta' Marzu 2015 u li l-attivita kummerċjali prinċipali tagħha hija t-trasport bil-baħar ta' prodotti li mhumiex ikel.

Jgħid li Sud Shipping Srl kienet ftehmet mas-sid tal-bastiment Messrs Martitime Ways S.A. tramite managers Atlas Marine S.A. permess ta' *charterparty* datat 20 t'Awwissu 2021 fir-rigward tal-bastiment M/V Atlas Wind.

Jgħid li minkejja li c-*charterparty* qatt ma ġie formalment iffirmat, dan kien preċedut minn *recap email* li hija l-prassi fl-industrija li ġiet mibgħuta minn broker Mr Alessandro Garre (minn Union Marine) lil Sud Shipping Srl fl-20 t'Awwissu 2021.

Jgħid li l-ftehim bejn il-partijiet kien għal ġarr ta' merkanzija li tikkonsisti fis-segwenti:

> *"MIN/MAZ 4000 MTS AS FOLLOWS: 3500MTS BUK HLESS NON IMO NON DANGEROUS AMMSULPHATE STW ABT 38CBFT PER MT ONE GRADE ONLY + 500MTS HLESS FERTS IN BGS ON PALLETS TO BE LOADED ON TOP OF BULK CARGO SEPARATION TO ARRANGED BY SHIPPERS/CHRS CHARTERERS OPTION TO LOAD ONLY MIN 3500MT CHOPT UPTO MAX 3750MT BULK HARMLESS NON IMO NON DANGEROUS AMMSULPHATE STW ABT 38CBFT PMT ONE GRADE ONLY"*

Jgħid li fl-20 t'Awwissu 2021, il-Master u/jew ic-*Chief Officer* tal-bastiment produċa *Pre-Stowage Plan* taħt l-obbligi tas-sid dwar dak miftiehem li ntbagħtet kemm lill-bastiment kif ukoll lil *Owners' Management Team.*

Jgħid li l-*Stowage Plan* provdiet espressament għal total ta' 4,000MT inkluż 3500MT f'bulk u 500MT f'palletized cargo. L-i*stowage plan* kien juri 2,500MT f'bulk li kellu jiġi mgħobbi f'*hold* numru 2 u l-500MT pallet cago sabiex jitgħabba fuq l-1000MT bulk cargo f'*hold* numru 1.

Jgħid li meta l-bastiment wasal f'Castellon, il-*master* pproduċa *Notice of Readiness* sabiex jgħabbi l-merkanzija fil-11:30 ta' filgħodu nhar il-Ħamis 26 t'Awwiddu 2021. Din kienet tipprovdi għall-ammonti fuq imsemmiha. Iż-żewġ tipi ta' merkanzija kellhom jiġu mgħobbija minn żewġ kumpaniji differenti u ċioe Messrs UBE Chemical u Messrs Fertinagro Biontech SL.

Jgħid li l-bastiment beda jgħabbi l-merkanzija fis-27 t'Awwissu 2021 fit-tmienja ta' filghodu. Ftit wara fl-9:44 is-sidien bla mistenni iddikjaraw li l-bastiment mhux ser ikun qed jgħabbi l-merkanzija li kienet fuq il-pallets iżda l-*bulk cargo* biss.

Dakinhar stess l-kumpanija attriċi protestaw diversi drabi u id-direzzjonijiet finali lis-soċjeta konvenuta kienu li kellhom jgħabbu l-*palletized cargo*. Minkejja dan, il-*palletized cargo* baqa ma ġiex mgħobbi u fit-tmienja u nofs ta' fl-għaxija l-vapur telaq minn Castellon lejn Pozzallo.

Jispjega li l-merkanzija kollha kienet propjeta ta' Messrs Siriac S.r.l. li kienet qabbdet lill-kumpanija attriċi sabiex titrasporta l-merkanzija lejn l-Italja. Meta l-imsemmija kumpanija ndunat fit-30 t'Awwissu 2021 li l-merkanzija ma ġietx mgħobbija kollha ipprotestat mal-kumpanija attriċi. B'reazzjoni għal dan l-kumpanija attriċi daret fuq is-soċjeta intimatha u żammitha responsabbli għall-għaġir tagħha, rriżervat id-drittijiet tagħha fil-liġi u fittxet garanzija għal dak li kien qiegħed jiġi disputat. Is-soċjeta konvenuta ma qablitx li tagħmel dan. Jispjega li din l-azzjoni qiegħda tittieħed minħabba li s-soċjeta konvenuta rrifjutat li toffri xi tip ta' garanzija sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar il-mertu u minħabba l-fatt li l-bastiment x'aktarx huwa l-unika ass li għandha s-soċjeta konvenuta.

Jispjega li fil-21 ta' Settembru 2021 s-soċjeta attriċi bdiet proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra kontra s-soċjeta konvenuta dwar il-mertu li jikkonsisti f'danni li jeċċedi s-somma ta' disgħin elf Ewro (€90,000).

Il-Qorti tosserva u ħadet konjizzjoni ta' numru ta' dokumenti li ġew ppreżentati mir-rikorrenti noe li huma relatati mal-arbitraġġ fl-ismijiet *Sub Shipping SRL and Maritime Ways SA.* fir-rigward tal-bastiment *MV Atlas Wind* fejn is-soċjeta rikorrenti qiegħda titlob il-figura ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u sitta u erbgħin Ewro (€127,246) mis-soċjeta konvenuta.

Min-naħa tiegħu **Ioannis Xintarakos** fl-affidavit tiegħu jgħid li hu ilu jaħdam ma Atlas Marine SA, il-*Managers* tas-soċjeta konvenuta mill-2017 u jokkupa l-kariga ta' *chartering broker*.

Jgħid li s-soċjeta konvenuta daħlet f'Charter Party mas-soċjeta rikorrenti fl-20 t'Awwissu 2021 sabiex isir ġarr ta' merkanzija li tikkonsisti f'*fertilizer* minn Castellon fi Spanja sal-Italja bil-vapur MV Atlas Wind.

Jispjega li s-soċjeta attriċi pproċediet b'arbitraġġ f'Londra kontra s-soċjeta konvenuta għal danni fl-ammont ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u sitta u erbgħin Ewro (€127,246), liema proċeduri huma nfondati u bla bażi. Jispjega li kienet is-soċjeta attriċi stess li aċċettat fis-26 ta' Awwissu li l-bastiment ser jgħabbi biss 3,600MT *ammonium sulphate in bulk*. Barra minn hekk is-soċjeta attriċi ma stabilixxiet l-ebda ksur tac-Charter party u jekk semmai kien hemm ksur kien min-naħa tas-soċjeta attriċi stess.

Jispjega li ai termini tac-Charter Party setgħet titgħabba biss merkanzija waħda consistenti minn *bulk cargo* li kellha titgħabba minn port wieħed. Jgħid li anke jekk kemm -il darba s-soċjeta attriċi ma eżerċitatx din l-għażla xorta ma setgħetx tidderiġi l-bastiment sabiex titgħabba merkanzija oħra minn port ieħor. Jgħid li minkejja dan, is-soċjeta konvenuta offriet lis-soċjeta attriċi li l-kumplament tal-merkanzija tiġi

mgħobbija permezz ta' metodu alternattiv jew *second berth*, iżda dwar dan baqgħet bla risposta. Jispjega li għalhekk ladarba ġew maħruġa l-*bills of lading* relattivi l-vapur ma kellux għażla ħlief li jagħmel il-vjaġġ minn Castellon għal Pozzallo bil-*bulk cargo* biss.

**Ikkunsidrat ulerjorment:**

Il-Qorti tagħmilha ċara li hawnekk mhix qed tittiehed decizjoni fuq il-vertenza li l-partijiet ghandhom pendenti f'gurisdizzjoni ohra, ossia fl-arbitragg li qed jinzamm f'Londra, u xejn f'din is-sentenza ma ghandu jfisser jew jigi interpretat illi jfisser illi l-Qorti qeghda hawnekk tesprimi ruhha fuq dik il-vertenza.

Illi mill-atti jirrizulta illi fil-11 ta' Ottubru 2022, il-partijiet pprezentaw nota konguntiva illi permezz taghha rriferew ghal zewg cedoli ta' depositu (**1835/2022** u **1902/2022**) u li permezz taghhom is-socjeta` intimata ddepositat fir-Registru tal-Qorti s-somma komplessiva ta' EUR127,246 sabiex ikopru l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-proceduri arbitrali gewwa Londra, salv spejjes u imghax. Ulterjorment il-kontendenti qabblu illi dak l-ammont ghandu jigi zbankat minn dik il-parti jew il-partijiet skond l-ezitu tal-imsemmija proceduri arbitrali gewwa Londra.

Jirrizulta ukoll illi b'digriet taghha tal-11 ta' Ottubru 2022, il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tas-7 ta' Settembru 2022, ai termini tal-Artikolu 37(4) tal-KAP 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jibqa' biss ghalhekk illi jkun hemm decizjoni u ordni cara sabiex il-flejjes depozitati fir-Registru ta' din il-Qorti permezz taz-zewg cedoli numri 1835/2022 u 1902/2022 jigu zbankati biss minn min ikollu jedd ghalihom u meta jkollu tali jedd.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, wara li rat l-atti, semghet il-provi u ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha kif hawn fuq maghmula, qed tghaddi sabiex filwaqt illi tasjteni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet mressqa mir-rikorrent noe. fir-rikors promotur tieghu, **TORDNA** izda illi l-flejjes depositati fir-Registru ta' din il-Qorti permezz ta' zewg cedoli li jgibu n-numri **1835/2022** u **1902/2022** ghandhom jigu zbankati **biss** wara decizjoni definittiva fl-arbitragg li qed jinzamm f'Londra bejn SUD SHIPPING SRL u MARITIME WAYS SA u minn min ikollu dritt ghalihom skond id-decizjoni msemmija.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjes taghha.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**